MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**Marcella Mifsud ta’ 22 sena,**
**Bint Saviour u Maria Dolores nee**
**Mangion, imwielda l-Pieta’ fis-6**
**Ta’ Mejju, 1978 u toqghod 89, Triq**
**l-Imdina, Qormi, detentur tal-karta**
**ta’ l-identita’ bin-numru 225478 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Marcella Mifsud li giet akkuzata talli fil-25 ta’ Marzu, 2001 ghall-habta tal-4.00 a.m. gewwa Paceville ingurja, jew hedded,

jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba likien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Akkuzata wkoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti.

Akkuzata wkoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal PS 524 Paul Cassar u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa skond ma ccertifikat Dr A. Camilleri Bonello MD tal-Floriana Health Centre.

Akkuzata wkoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, daghat fil-pubbliku.

Akkuzata wkoll talli fl-istess jum, lok, hin, u cirkostanzi irrifjutat taghti, jew tat falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku wat li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, isimha, kunjomha, fejn toqghod u partikoritajiet ohra.

Akkuzata wkoll talli fl-sitess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-lejl, kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (a fol 5).

Rat li l-imputata ma kellha ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat li l-imputata wiegbet li kienet hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghha. Rat ukoll il-fedina penali ta’ l-imputata Marcella Mifsud li hi ghal kollox netta. Qieset ukoll li l-akkuzata anke skuzat ruhha ma’ l-ispettur, ghaldaqstant rat l-artiklu 95, 96, 338, 339 tal-kapitlu 9, rat

l-artiklu 22 tal-Kap 446 u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghal sitt xhur mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------